MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 155/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-16 ta’ Mejju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-kontendenti kienu kkontrattaw zwieg bejniethom fis-17 ta’ Gunju, 1962 u dan skond ma jirrizulta mill-anness Dokument A;

U illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha kif ser jkun ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U illi wkoll il-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg inghata bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew ta' dritt ghall-att taz-zwieg;

U illi ghal dan iz-zwieg, il-konvenuta rabtet l-kunsens taghha ma kondizzjoni li tirreferi ghall-futur kif ser jkun ampjament ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-17 ta' Gunju, 1962 huwa null u bla effett;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg ikkuntratta bejn il-kontendenti fis-17 ta' Gunju, 1962 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u senjatament ghal dak li jipprovdi l-artikolu 19(1)(d), (f) u (g) u kif ukoll taht l-artikolu 19A tal-Kapitolu 255 tal-Ligjiet ta' Malta u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f'dan ir-rigward; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fl-1 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet:

Illi preliminarjament ghandu jinghad illi l-konvenuta ghalkemm

ma topponiex li z-zwieg taghha jigi dikjarat null u bla effett, ma jidhrilix illi hemm ragunijiet validi u dan stante li ilhom mizzewgin ghal aktar minn 35 sena u ghandhom hamest'itfal. Thoss ukoll illi l-intoppi li nqalghu, nqalghu biss f'dawn l-ahhar snin.

Illi l-esponenti tiehu okkazzjoni toggezzjoni ghall-kontenut ta' l-affidavit li ghamel zewgha A  u dan minhabba li hi ssostni li fis-sustanza hemm hafna asserzzjonijiet invertjeri maghmula fil-konfront taghha u dan kif se jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavit ta' l-attur, ta' omissis u tal-konveunta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' April, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-17 ta' Gunju 1962 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (d), (f) u (g) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuta fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha qalet li fil-waqt li ma toggezzjonax ghall-annullament hija ma taf b'ebda raguni ghala dan ghandu jigi milqugh.

Ghalhekk kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-Ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew*

*responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg .

19 (1) (g) – li l-kunsens tal-konvenuta kien marbut ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Mill-provi mressqa mill-attur il-Qorti assolutament ma jirrizultalha ebda kawzali minn dawk fuq citati. L-unika raguni li tista' twassal ghall-annullament mill-kontenut tal-affidavit tal-attur hija l-allegazzjoni tieghu li l-konvenuta, qabel ma zzewget lill-attur kellha relazzjoni intima mar-ragel t'ohtha – allegazzjoni li l-konvenuta tichad kategorikament. Sfortunatament dan ir-ragel illum huwa mejjet u ghalhekk ma setax la jikkonferma u lanqas jichad din l-allegazzjoni. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti thoss li ma tistax taccetta bhala

pruvata din l-allegazzjoni serja. L-istess dwar il-korriment li kellha l-konvenuta u wassal biex titlef tarbija – l-allegazzjoni li din it-tarbija setghet kienet ta' din il-persuna hija wkoll michuda mill-konvenuta u ma tistax tigi accettata bhala pruvata.

Naturalment dwar x'gara wara z-zwieg, dan hu mmaterjali ghall-kawza hlief biex jitfa' dawl fuq l-istat ta' fatt ta qabel iz-zwieg, izda anke hawn, fil-fehma tal-Qorti ma hemm xejn li jindika li z-zwieg kien vizjat. Il-partijiet kellhom erbat itfal miz-zwieg taghhom u u sseparaw legalment fl-2002 u ghalhekk wara erbghin sena zwieg. Naturalment kien hemm disgwid bejn il-partijiet fis-sens li finalment isseparaw (wara li kienu nfirdu de facto xi snin qabel u rrikonciljaw) u kull hadd beda jghix hajtu. Izda li wiehed jiehu dan bhala ndikazzjoni li kien hemm xi kawzali ghall-annullament ikun qed igebbed l-istess kawzali izzejjed. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta' Jannar, 2006);

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' liz-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun presunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni u cioe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*.. is-sub-inciz (d) fuq imsemmi jsemmi ukoll li z-zwieg ikun null jkk ikun affetwat b'anomalija psikologika serja u taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Ta' min jenfasizza hawn li l-ligi taghna tirrikjedi li l-anomalija psikologika tkun tali li taghmilha impossibbli u mhux semplicement difficli li wiehed jaqdi l-obligazzjonijet essenzjali taz-zwieg jew inkella li jassumi l-istess obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*Rigward id-disposizzjoni kontenta fis-sub-inciz (f) fuq imsemmi*

*biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b' att posittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta' simulazzjoni u ghandhu jigi enfasizzat li nullita' ta' zwieg bazata fuq il-kawzali ta' simulazzjoni propjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita' ta' zwieg minhabba nuqqas ta' eskluzzjoni ta' gudizzju. L-inkompatibilita' bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita' li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti fil-waqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita' intelletwali, proprju l-att posittiv tal-volonta' li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.*

Minn ezami tal-affidavit tal-attur wiehed ma jsib la l-inkapacita' imsemmija u lanqas is-simulazzjoni. L-attur kellu tnejn u ghoxrin (22) sena meta zzewweg u l-konvenuta wiehed u ghoxrin (21) sena, u ghalhekk lanqas wiehed ma jista' jirraviza nuqqas ta' kapacita' li wiehed isib kulltant fi zwigijiet fejn il-partijiet ikunu zghar hafna fl-eta'. Kif qalet il-Qorti fil-kawza Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju, 1995); "*b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita; li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.* F'dan is-sens gew decizi ukoll il-kawzi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awwissu, 1995).

Fil-kawza fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li; "*biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomlaija psikologika fi-sens mediku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhew il-liberta ta' l-ghazla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.*"

Kif gia' inghad fil-kaz odjern il-Qorti ma ssibx li saret xi prova sal-grad rikjest f' kawza civili. Dan apparti l-fatt li billi z-zwieg sar qabel dahlet *in vigore* il-ligi tal-1975 li ghall-ewwel darba rregolat iz-zwieg civili, skond diversi sentenzi tal-Qrati taghna, il-ligi applikabbli hija biss dik kanonika u ghalhekk il-kawzali invokati mill-attur kellhom ikunu appunti skond id-dritt kanoniku vigenti fiz-zmien meta sar iz-zwieg, f'dan il-kaz fl-1962 u zwieg li kien validu dakinhar ma jistax jigi dikjarat null a bazi ta' l-Artikolu 19 tal-Kap. 255. Fost dawn is-sentenzi wiehed jista jsemmi Louis Agius vs Georgia Agius (Qorti tal-Appell - 19 ta' Ottubru, 1988), Terence Richard vs Maria Concetta Richard (Prim Awla - 22 ta' Frar 1996) u Charles Camilleri vs Teresa Camilleri (Prim Awla - 3 ta' Ottubru, 1995). Billi pero' l-kawza saret a bazi tal-Kapitolu 255 u ma saret ebda eccezzjoni fir-rigward il-Qorti hasset li kellha xorta wahda tidhol fil-mertu tat-talbiet qabel ma tasal ghad-decizjoni taghha, anke jekk l-materja hija tali li dwarha l-Qorti setghet ukoll issollevat din il-kwistjoni minghajr il-bzonn li xi parti tintavolaha formalment.

**Ghal dawn il-mottivi kollha l-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------